32006E0523

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2006/523/PESK

tal-25 ta' Lulju 2006

li temenda l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 14, 18(5) u 23(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-14 ta' Diċembru 2005, il-Bord tat-Tmexxija tal-Kunsill għall-Implementazzjoni tal-Paċi ħatar lis-Sur Christian Schwarz-Schilling bħala Rappreżentant Għoli fil-Bosnja u Ħerzegovina.

(2) Fit-30 ta' Jannar 2006, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/49/PESK [1] li taħtar lis-Sur Christian Schwarz-Schilling bħala Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina.

(3) Skond id-Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tad-Diretturi Politiċi tal-Kunsill għall-Implementazzjoni tal-Paċi tat-22/23 Ġunju 2006, l-Uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli (URGħ) sejjer jibda preparazzjonijiet li għandhom jagħlqu fit-30 ta' Ġunju 2007. Il-preparazzjonijiet għal uffiċċju msaħħaħ tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (RSUE) għandhom jipproċedu b'mod parallel.

(4) Il-mandat ta' l-RSUE għandu jiġi emendat sabiex huwa jkun jista' jappoġġa l-ippjanar għal uffiċċju msaħħaħ ta' l-RSUE fil-futur fil-kuntest ta' l-għeluq ta' l-URGħ,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

L-Azzjoni Konġunta 2006/49/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

1. Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 3:

"(m) jappoġġa l-ippjanar għal uffiċċju msaħħaħ ta' l-RSUE fil-kuntest ta' l-għeluq ta' l-Uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli (URGħ), anke bl-għoti ta' pariri dwar aspetti ta' informazzjoni pubblika tat-transizzjoni, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni."

2. L-Artikolu 6 (1) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-ammont finanzjarju ta' referenza maħsub sabiex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat ta' l-RSUE għandu jkun ta' EUR 1 090 000."

Artikolu 2

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Lulju 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

[1] ĠU L 26, 31.1.2006, p. 21.